**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 400/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Bartolo**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Mario Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 69056(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, fil-5 ta' Marzu 2022, 2 ta' April 2022, 30 ta' April 2022 u it-28 ta' Mejju 2022, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Rita Bartolo u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi zmien 15 -il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 338(z), 18 u 31 tal-Kodiċi

Kriminali, sabet lill-imputat Mario Bartolo ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontrih u konsegwentement ikkundanatu għal tlett xhur priġunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellant, Mario Bartolo, ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tirrevoka *contrario imperio* u tħassar *in toto* s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;
2. Mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax (alternattivament) jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li nhar l-14 ta' Diċembru 2022, l-appellant, *seduta stante*, ħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro lill-parti leza bħala parti mill-ammont totali ta' manteniment dovut minnu fi tlett kawżi kontrih (Appelli 400/2022, 401/2022 u 402/2022).

Rat li nhar it-13 ta' Ottubru 2023, l-appellant intavola rikors fejn talab sabiex il-Qorti tissospendi s-smiegħ tal-appell minnu ntavolat u dan sakemm ikun hemm l-eżitu tal-kawza kostituzzjonali minnu ntavolata, billi tali deċiżjoni tista' tinċidi fuq il-mertu ta' dan l-appell.

Rat id-digriet mogħti minnha nhar il-15 ta' Diċembru 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-appellant u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell skond il-liġi.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju ventilat minnu, l-appellant jikkontendi illi n-nuqqas tiegħu li jħallas il-manteniment lil martu ma kienx xi forma ta' kapriċċ jew sabiex jipprova

jaħrab mill-obbligi minnu assunti permezz tal-kuntratt ta' seperazzjoni iffirmat bejnu u bejn martu fis-07 ta' Mejju 2010, kif approvat mill-Qorti, iżda huwa dovut unikament għall-istat ta' saħħa prekarja tiegħu fejn huwa jinsab fl-impossibbilita' li jaħdem u li jonora l-obbligi kontrattwali tiegħu.

Illi, l-appellant u martu Rita Bartolo, iffirmaw kuntratt ta' firda personali fis-7 ta' Mejju 2010, fejn fil-klawsola numru 5, l-appellant intrabat li jħallas is-somma ta' erba' mija, sitta u sittin Ewro (€466) kull erbgħa ġimgħat bħala retta alimentari lil martu[1], liema ammont ma hux soġġett għall-ebda awment u għandu jibqa' jitħallas anke jekk il-mara jkollha impjieg kemm fuq bażi *part-time* kif ukoll *full-time*. Jirrizulta ukoll mill-*PIRS Report* ippreżentat in atti li dan il-ħlas ma sarx mill-appellant lil parti offiża fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni. Meta mitkellem mill-Pulizija, nhar it-13 ta' Ġunju 2022, l-appellant stqarr "**li ma jistax iħallas dak l-ammont ta' €466 u li t-tfal tiegħu huma kbar issa kif ukoll li Rita qed tieħu l-pensjoni. Huwa żied jgħid li llum -il ġurnata huwa disabled u bħalissa qed iħallas il-kera**".

Illi, l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant u dan għaliex "kwalunkwe raġunijiet ippostulati mill-imputat għal din l-inadempjenza m'għandiex titqies minn din il-Qorti fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonji miġjuba kontra tiegħu." L-appellant, iżda jakkampa favur tiegħu il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur* u jsostni illi huwa ma jistax jkun kostrett jeżegwixxi l-obbligu kontrattwali minnu assunt meta jinsab fl-impossibbilita' li jagħmel dan għaliex illum huwa bniedem marid serjament.

Il-Qorti tifhem illi dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa il-fatt illi seħħet ċirkostanza supervenjenti għall-iffirmar tal-kuntratt, li minħabba fl-istess, llum hemm l-impossibbiltà ta' eżekuzzjoni, liema impossibilita' hija oġġettiva u rejali li allura wasslet biex l-obbligu minnu assunt intemm.

Issa l-kwistjoni ventilata mill-appellant li titkellem dwar l-esklużjoni tar-responsabbiltà tad-debitur meta jkun ippruvat illi l-ksur tal-obbligazzjoni kontrattwali ma hijiex attribwibbli lilu u dan peress illi huwa jinsab fl-impossibbilita'

[1] Ara kuntratt eżebit Dok' RB a fol. 3 et seq.

li jagħmel dik l-eżekuzzjoni li ntrabat għaliha, tista' tkun pertinenti u rilevanti biss fil-fora ċivili.

Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk personali, dawk konċernanti drittijiet ta' proprjeta', u dawk misti, bħalma hu il-ħlas tal-manteniment. Issa kwalunkwe bidla fil-kuntratt u ċioe' f'dak pattwit liberalment u volontarjament bejn il-kontraenti, u anke kwalunkwe bdil f'sentenza tal-Qorti f'każijiet ta' firda personali, jista' jsir biss b'deċiżjoni ta' qorti ta' kompetenza ċivili u dan bis-setgħa lilha mogħtija, f'dak li jirrigwarda l-obbligu tal-manteniment, fl-artikolu 54(9) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi. Illi fuq din id-difiża saħansitra il-qrati ċivili irritenew:

> **Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l- "impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) tal-Att XXI tal-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'cert ikazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi[2].**

Illi din is-setgħa li jkun varjat dak pattwit bejn il-kontraenti fil-kuntratt ta' separazzjoni hija mogħtija unikament lil qorti fil-kompetenza ċivili tagħha (ara artikolu 54(9) Kodiċi Ċivili), u ma tistax din il-qorti penali, bis-setgħat limitati mogħtija lilha mill-leġislatur, tinoltra ruħha fil-kamp ċivili u tarroga għaliha poteri li

[2] Alfred Grech vs Pauline Grech – PAQĊ – 29.01.2003

l-leġislatur ma kkonċedilhiex. Dak li għandha tqies din il-Qorti, u l-Ewwel Qorti qabilha, huwa biss jekk hemmx ordni ta' qorti regolanti l-ħlas tal-manteniment li ma jkunx qed jiġi obdut.

Jikkonsegwi għalhekk illi l-eċċezzjoni imressqa mill-appellant u li fuqha qiegħed isejjes id-difiża tiegħu, u ċioe' dik tal-impossibbilita', ma tistax tkun issindikata f'din il-fora penali, billi il-leġislatur afda din is-setgħa unikament lill-qorti ċivili li għandhom jiddeterminaw din il-vertenza.

> **"…. inkella faċilment f'kawzi bħal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-partijiet dwar diversi affarijiet, din il-Qorti tiġi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Ċivili . Ir-rimedju ta' min ikun iħossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Ċivili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar aċċess mhuwix li jieħu l-liġi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aġġustament tiegħu"**.

Illi, għalhekk għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 338(ż) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li taħtu qed jiġi mixli l-appellant, huwa biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova li kien hemm kuntratt bejn il-partijiet u/jew ingħatat ordni minn Qorti għall-hlas ta' manteniment (billi tinġieb kopja legali tad-Digriet, jew kopja legali tas-sentenza relattiva), u kif ukoll li dak il-manteniment ma tħallasx fi zmien ħmistax (15) -il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha titħallas is-somma, mingħajr ma tinoltra ruħha fil-mottiv li wassal għall-inadempjenza, billi dan l-istħarriġ ġudizzjarju u allura jekk din l-inadempjenza hijiex waħda ġustifikata o meno, u l-awtoriżżazzjoni lil partijiet li jitbiegħdu minn dak ordnat u/jew miftiehem, hija manzjoni li hija rimessa f'idejn il-qrati ta' kompetenza ċivili u mhux penali.

Illi, jidher illi l-appellant b'mod persistenti u ripetut qiegħed jinjora l-obbligu tiegħu li *del resto* assuma b'mod volontarju u liberu tant illi saħansitra fl-imsemmi kuntratt ta' firda personali huwa intrabat mhux biss li jibqa' jissomministra l-manteniment lil martu anke jekk din issib impjieg, iżda ukoll illi l-ftehim ta' bejniethom jibqa' fuq saqajh anke fl-eventwalita' li ż-żwieġ tagħhom jiġi annullat jew xjolt – *pacta sunt servanda*. Illi permezz tal-presenti istanza l-appellant huwa mixli li ma ħallasx l-ammont komplessiv ta' €1,864 dovuti minnu fil-5 ta' Marzu 2022, 2 ta' April 2022, 30

ta' April 2022 u it-28 ta' Mejju 2022, *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi. Jiżdied jingħad illi għalkemm l-appellant jikkontendi illi huwa ma jistax iħallas il-manteniment għaliex spiċċa mingħajr impjieg billi marad serjament, madanakollu ma jressaq ebda prova dwar l-istat ta' impossibilita' minnu allegata, għalkemm, kif ingħad, tali prova trid issir quddiem il-qorti ċivili u mhux quddiem din il-qorti. Mhux biss, iżda minn daqqa t' għajn lejn il-fedina penali tiegħu jirriżulta illi l-appellant ilu inadempjenti fil-ħlas tal-manteniment saħansitra mis-sena 2018. Illi għaldaqstant din il-Qorti ma issib xejn x'tiċċesnura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta din sabet ħtija fl-appellant.

Illi għaldaqstant, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet suesposti, dan l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellant qed jigi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, jifdal sabiex jiġi trattat l-aħħar *gravam* sottopost għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, liema piena kienet dik ta' tlett xhur priġunerija effettivi. L-appellant issostni li l-piena mposta fuqu kienet waħda esaġerata u li r-riżultat tagħha ser ikun dak li jiġi impedut milli jħallas il-manteniment dovut fil-futur.

Illi, jibda biex jingħad illli l-piena erogata kienet waħda fil-parametri tal-liġi tenut kont illi l-appellant kien mixli bir-reat fil-forma kontinwata tiegħu. Dan magħdud, madanakollu l-Qorti tqies illi l-appellant għandu jingħata l-aħħar opportunita' biex jagħmel il-ħlas minnu dovut, b'dan illi jekk dan il-ħlas ma jsirx fit-terminu li ser jiġi lilu konċess l-Qorti, fuq talba tal-parti offiża, ma jkollhiex triq oħra ħlief li iġġib fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija li għaliha huwa kkundannat.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi:**

i) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu; u**

ii) **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal terminu ta' priġunerija effettiva ta' tlett xhur, u minflok wara li rat l-artikolu 28A tal-**

Kodiċi Kriminali tordna illi t-terminu ta' tlett xhur priġunerija għandu jiġi sospiż għal żmien sena mil-lum. Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lil ħati Mario Bartolo sabiex iħallas is-somma ta' €1864 lil Rita Bartolo fi żmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant Mario Bartolo l-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, jew jekk huwa jonqos milli jħallas l-ammont ta' €1864 fiż-żmien lilu konċess.

Edwina Grima

Imħallef